# Riformi, proġetti kapitali u ħidma biex jinħoloq il-ġid

minn paġna 1

ekonomiku li kien fost l-aħjar fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u Malta kellha wkoll l-inqas rata ta' taxxa fuq l-impjieg fl-UE filwaqt li żdied in-numru ta' ħaddiema li ma jħallsux taxxa wara li kompla jogħla is-*ceiling*. Il-Prim Ministru fakkar li eluf ta' nisa bbenefikaw mill-iskema tal-Gvern biex ma jħallsux taxxa għal sena sħiħa wara li reġgħu bdew jaħdmu filwaqt li ommijiet li jaħdmu ma jħallsux taxxa għal sena sħiħa għal kull tarbija li jkollhom.

Hu qal li l-istrateġija ekonomika tal-Gvern hi li jżomm il-finanzi fis-sod filwaqt li jinstab bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u t-tnaqqis tad-defiċit. Hu qal li Malta kienet fost ftit pajjiżi tal-UE li kellhom tnaqqis fid-defiċit matul l-2010. Il-Prim Ministru qal li l-mira tal-Gvern kienet li ma jkollu l-ebda defiċit imma l-kriżi ekonomika u finanzjarja internazzjonali wasslet biex il-Gvern kellu jfassal pakkett ta' stimolu għal kumpaniji li ntlaqtu u b'hekk kienu salvati aktar minn 5,000 impjieg.

Dan wassal biex id-defiċit kiber imma issa reġa' qed jonqos bil-mira li jinżel għal taħt it-3 fil-mija fi tmien din is-sena. Dan għandu jwassal ukoll biex jonqos id-dejn nazzjonali.

Il-Prim Ministru qal li permezz tal-istrateġija tal-Gvern, flok is-sussidji li kienu jitħallsu għat-Tarzna li kienu jammontaw għal madwar €50 miljun fis-sena, dawn issa qed imorru għal edukazzjoni u għas-saħħa. Saru wkoll riformi oħra importanti bħalma huma r-riforma tat-trasport pubbliku, ir-riforma tal-MEPA, tal-Kunsilli Lokali u l-liġi tal-kera.

Il-Gvern qed jagħmel ukoll diversi proġetti infrastrutturali kbar fosthom il-proġett ta' Bieb il-Belt, it-toroq u diversi parks għal familja ħalli pajjiżna jkun aktar attraenti filwaqt li jkun iġġenerat aktar xogħol għal ħaddiema.



Il-konferenza tal-aħbarijiet kienet indirizzata mill-Prim Ministru flimkien maż-żewġ Segretarji Parlamentari Mario de Marco u Chris Said kif ukoll mill-Assistent Parlamentari Franco Debono (Ritratt: Michael Ellul)

Il-Prim Ministru qal li fost l-isfidi li għandu pajjiżna fis-sentejn li ġejjin hemm ir-ristrutturar tal-Air Malta li bħalissa jinsab fi stadju mill-iktar delikat, l-isfida tal-enerġija alternattiva biex pajjiżna ma jibqax jiddependi biss mill-enerġija taż-żejt permezz tal-*power station*. Se jsir ukoll l-*interconnector* bejn Malta u Sqallija filwaqt li se jsir aktar investiment fl-enerġija li tiġġedded.

Fis-sentejn li ġejjin il-Gvern se jkompli jsaħħaħ is-servizzi tas-saħħa, aktar servizzi lill-anzjani u għajnuna lil dawk li huma l-aktar fil-bżonn.

Meta wieġeb mistoqsijiet tal-ġurnalisti, il-Prim Ministru qal sar ħafna xogħol fuq l-iskema tal-finanzjament tal-partiti politiċi u issa dan qed ikun evalwat mill-aspett legali u jitqabbel ma' dak li sar f'pajjiżi oħra. Il-Prim Ministru qal li l-finanzjament tal-partiti mhux se jsir mit-taxxi tal-poplu.

Dwar il-kummenti tal-President tal-Kunsill tal-UE Herman Van Rompuy li faħħar l-istrateġija ekonomika tal-Gvern Malti li qed tagħmel suċċess, il-Prim Ministru qal li Van Rompuy ingħaqad ma mexxejja ta' pajjiżi oħra li faħħru s-suċċess ekonomiku ta' Malta. Dan kontra dak li sar mill-Oppożizzjoni Laburista li dejjem tmaqdar kull inizjattiva li jieħu l-Gvern.

Il-Prim Ministru qal li l-Gvern qed jgħin bl-aħjar mod lil ħaddiema Maltin li tilfu x-xogħol minħabba l-kriżi fil-Libja u qed ipoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom il-mekkaniżmu kollu bħalma kien sar fil-kriżi ekonomika u finanzjarja sentejn ilu.

Mario de Marco, is-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura fakkar fis-suċċess li kellha Malta fit-turiżmu s-sena li għaddiet b'rekord ta' 1.3 miljun turist u b'nefqa rekord ta' €1.1biljun li tfisser żieda ta' 22 fil-mija fuq l-2009. Hu qal li Malta kienet it-tieni l-aqwa pajjiż fl-UE f'dak li jirrigwarda t-turiżmu.

Is-Segretarju Parlamentari Mario de Marco qal li l-Gvern żied l-allokazzjoni lil Awtorità Maltija tat-Turiżmu filwaqt li r-rotot tal-ajru żdiedu minn 57 għal 76. Sar ukoll titjib tal-prodott u ngħatat l-għajnuna lis-settur privat biex jinvesti aktar fit-titjib tal-prodott. Qed isir ukoll taħriġ għal ħaddiema li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu u s'issa aktar minn 1,030 applikaw biex jieħdu dan it-taħriġ.

Rigward l-andament tat-turisti fl-ewwel xhur ta' din is-sena, Mario de Marco qal li f'Jannar kien hemm żieda ta' 14 fil-mija, fi Frar żieda ta' 18 fil-mija u skont ċifri maħruġa mill-MIA f'Marzu kien hemm żieda ta' 13 fil-mija fil-moviment tal-passiġġieri.

Is-sena li għaddiet 490,000 passiġġier ġew f'Malta abbord *cruise liners* u din is-sena mistenni li dawn ikomplu jiżdiedu tant li madwar 100,000 passiġġier se jinġabu f'Malta mill-kumpanija Costa Concordia.

Dwar l-ambjent, Mario de Marco fakkar fir-riforma tal-MEPA li issa bdiet titwettaq u hemm sistema ġdida ta' aġġudikazzjoni filwaqt li l-applikazzjonijiet qed isiru b'mod elettroniku. Hu qal li żdiedu z-zoni protetti filwaqt li qed issir ħidma biex pajjiżna jkollu arja aktar nadifa permezz tal-għeluq tal-*power station* tal-Marsa u permezz tar-riforma tat-trasport pubbliku li se titwettaq f'Lulju li ġej. Permezz ta' erba' impjanti għat-tisfija tad-drenaġġ, id-drenaġġ kollu se jkun qed jiġi msoffi qabel jitwaddab fil-baħar u dan se jfisser baħar aktar nadif.

Chris Said, is-Segretarju Parlamentari għal Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, l-Affarijiet tal-Konsumatur u l-Kompetizzjoni, il-Kunsilli Lokali u r-Relazzjonijiet Industrijali qal li l-ħarsien tal-konsumatur hu fuq quddiem fl-aġenda tal-Gvern.

Hu fakkar li fl-aħħar xhur roħsu b'kollox 146 mediċina li issa huma skont il-medja tal-UE u qed issir ħidma biex fix-xhur li ġejjin jorħsu aktar mediċini.

Dwar il-Kunsilli Lokali, Chris Said qal li s-sena li għaddiet daħal fis-seħħ it-tiġdid tal-Kunsilli li issa qed ikunu involuti aktar fil-qasam soċjali u kulturali. Hu qal li fit-tliet snin li għaddew il-Kunsilli Lokali ħadu €100 miljun f'allokazzjoni diretta mill-Gvern. Hu qal li sar jew għaddej xogħol fuq 500 triq residenzjali f'diversi lokalitajiet mill-Kunsilli Lokali bil-għajnuna tal-Gvern.

Dwar il-konsultazzjoni pubblika, Chris Said qal li fit-tliet snin li għaddew il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) iltaqa' 74 darba.

Franco Debono, l-Assistent Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fakkar li saru emendi għar-regolamenti tat-Tribunal għall-Konsumatur u s-sena li għaddiet irċieva 359 kawża. Saru emendi biex ikun stabbilit iż-żmien meta jinqatgħu l-kawżi.

Dwar l-Awtorità Maltija għall-I*standards* qal li din qed taħdem biex ma jkunx hemm prodotti inferjuri fis-suq Malti u għamlet mal-500 spezzjoni fil-ħwienet fuq aktar minn 2,000 prodott.


